C/2025/3225

12.6.2025

Notifika minn qabel ta' konċentrazzjoni

(Każ M.12019 — APG / MACQUARIE / SKYNRG)

Każ li jista' jiġi kkunsidrat għal proċedura ssimplifikata

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(C/2025/3225)

1. Fit-2 ta' Ġunju 2025, il-Kummissjoni rċeviet notifika ta' konċentrazzjoni proposta skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([1]).

Din in-notifika tikkonċerna l-impriżi li ġejjin:

— APG Asset Management N.V., ("APG", in-Netherlands), ikkontrollata minn Stichting Pensioenfonds ABP ("ABP", in-Netherlands),

— Macquarie Green Energy Transition Solutions Fund ("MGETS", il-Lussemburgu), fl-aħħar mill-aħħar ikkontrollat indirettament minn Macquarie Group Limited ("Macquarie", l-Awstralja),

— SkyNRG B.V. (iktar 'il quddiem "SkyNRG", in-Netherlands).

APG u MGETS se jakkwistaw, fis-sens tal-Artikolu 3(1)(b) u 3(4) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet il-kontroll esklużiv ta' SkyNRG.

Il-konċentrazzjoni titwettaq permezz tax-xiri ta' ishma.

2. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriżi kkonċernati huma li ġejjin:

— APG hija maniġer tal-assi Netherlandiża u timmaniġġja l-assi għall-ABP, il-fond tal-pensjoni għall-impjegati tal-gvern u tal-edukazzjoni fin-Netherlands,

— MGETS huwa fond ta' investiment għat-tranżizzjoni tal-enerġija li huwa parti mill-grupp ta' kumpaniji Macquarie.

3. SkyNRG hija attiva fil-produzzjoni ta' fjuwil tal-avjazzjoni sostenibbli.

4. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni tqis li t-tranżazzjoni notifikata tista' taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament dwar l-Għaqdiet. Madankollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata.

Skont l-Avviż tal-Kummissjoni dwar trattament issimplifikat għal ċerti konċentrazzjonijiet skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 dwar il-kontroll ta' konċentrazzjonijiet bejn impriżi ([2]) għandu jiġi nnutat li dan il-każ jista' jiġi kkunsidrat għal trattament skont il-proċedura stabbilita fl-Avviż.

5. Il-Kummissjoni tistieden lil terzi persuni interessati biex jibagħtulha l-kummenti li jista' jkollhom dwar il-konċentrazzjoni proposta.

Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni mhux aktar tard minn 10 ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Ir-referenza li ġejja għandha dejjem tiġi speċifikata:

M.12019 — APG / MACQUARIE / SKYNRG

([1]) ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1 (ir-"Regolament dwar l-Għaqdiet").
([2]) ĠU C160, 5.5.2023, p. 1.

Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni permezz tal-posta elettronika jew bil-posta. Uża d-dettalji ta' kuntatt ta' hawn taħt:

Email: COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu

Indirizz Postali:

European Commission
Directorate-General for Competition
Merger Registry
1049 Bruxelles/Brussel
BELGIQUE/BELGIË